

31986L0320

L 200/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.7.1986

## ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

ta' l-20 ta' Ġunju 1986

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taċ-ċereali

(86/320/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa taċ-ċereali <sup>(1)</sup>, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 86/155/KEE <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 2 (1a) u 21a tagħha,

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp tat-tagħrif xjentifiku u tekniku li jirrigwarda l-ibridi li jirriżultaw mit-tagħmir minn naħa għall-oħra ta' l-ispeċi koperti bid-Direttiva 66/402/KEE, l-ibridi li jirriżultaw mit-tagħmir minn naħa għall-oħra tas-*Sorghum*

*bicolor* u s-*Sorghum sudanense* għandhom, minħabba iktar importanza fil-Komunità, jiġu inklużi fl-iskop ta' din id-Direttiva;

Billi, fid-dawl ta' l-iżvilupp fit-tagħrif xjentifiku u tekniku, l-Anness I mad-Direttiva msemmija għandu jiġi emendat sabiex jaddatta l-kondizzjonijiet li jridu jiġu sodisfatti mill-uċuh tar-raba' ta' l-ispeċi tas-*Sorghum*;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti taż-Żrieragħ u l-Materjal tal-Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

Id-Direttiva 66/402/KEE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 2 (1) (A) jiġi miżjud dan li ġej:

“Din id-definizzjoni għandha tkopri wkoll lill-ibridi li ġejjin li jirriżultaw mit-tagħmir minn naħa għall-oħra ta' l-ispeċi msemmija hawn fuq.

L-ibridi tas-*Sorghum bicolor* (L.) Moench X li jirriżultaw mit-tagħmir minn naħa għall-oħra tas-*Sorghum sudanense* (Piper) Stapf is-*Sorghum* u l-ħaxix tas-Sudan

Għajr jekk ikun speċifikat xorta oħra, iż-żerriegħa ta' l-ibridi msemmija hawn fuq għandha tkun bla ħsara għall-istandards jew il-kondizzjonijiet l-oħra li japplikaw għaż-żerriegħa ta' kull speċi li minnhom ikunu dderivati.”

2. Fl-Anness I (3) (C) (b) il-kliem 'tal-varjetajiet ibridi' irid jiddaħħal wara l-kliem “iż-żerriegħa ċċertifikata”.

3. Fl-Anness I (3) (C) jiġi miżjud dan li ġej:

“(ċ) l-uċuh tar-raba' tal-varjetajiet imdakkra bil-pollen jew ta' varjetajiet sintetiċi tas-*Sorghum spp.* għandhom jikkonformaw ma' l-istandards li ġejjin: in-numru tal-pjanti ta' l-uċuh tar-raba' li jingħarfu bħala li ovvjament mhumiex veri għall-varjetà ma għandhomx jaqbżu:

— il-waħda għal kull 30 m<sup>2</sup> tal-produzzjoni taż-żerriegħa bażika,

— il-waħda għal kull 10 m<sup>2</sup> tal-produzzjoni taż-żerriegħa ċċertifikata.”.

## Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard mill-1 ta' Lulju 1987. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

## Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-20 ta' Ġunju 1986.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESEN

Viċi-President

<sup>(1)</sup> ĠU Nru 125, 11.7.1966, p. 2308/66.

<sup>(2)</sup> ĠU Nru L 118, 7.5.1986, p. 23.